A.L. 341 ta' l-2005

ATT TA' L-2004 DWAR L-EKO-KONTRIBUZZJONI (ATT NRU. XII TA' L-2004)

Regolament ta' l-2005 li jemendaw l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni (Emenda Nru. 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 13(1)(ċ) ta' l-Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni, hawnhekk iżjed 'l quddiem imsejjħa "l-Att", il-Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, bi ftehim mal-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolament ta' l-2005 li jemendaw l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni (Emenda Nru. 3), u dawn għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda ma' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni, kif emendata bir-Regolament ta' l-2005 li jemendaw l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni (Emenda Nru. 2), liema l-Ewwel Skeda qegħda hawnhekk f'dawn ir-regolamenti tissejjaħ "l-Iskeda".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Settembru, 2005.

Jemenda l-Iskeda.

2. Minnufih wara l-kliem *"Bags for the conveyance of goods, of degradable plastic,"* taħt it-titlu *Plastic Bags* taħt it-tieni numru tal-Kodiċi HS 3923 fl-Iskeda, għandhom jiġu miżjuda l-kliem *"excluding bags"*.